# Is-Sittax-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Inti tagħti lill-midinbin żmien għall-indiema.*

Għerf 12, 13.16-19

**Qari mill-Ktieb tal-Għerf**

13M'hemmx Alla ieħor ħliefek, li jieħu ħsieb kollox
biex ikollok turih li ma qtajtx il-ħaqq ħażin.
16Għax is-setgħa tiegħek hi l-għajn tal-ġustizzja,
u, għax int Sid ta' kollox, lil kulħadd tagħder.

17Int turi saħħtek ma' min ma jemminx fil-kobor ta' setegħtek:
u trażżan 'il dawk li, għalkemm jafuha,
iqumu kontriha.

18Għax sid il-qawwa, int tagħmel il-ħaqq bil-ħniena;
lilna tmexxina bi tjieba kbira.
Għalkemm għandek is-setgħa, issibha wkoll meta tridha.

19B'dan l-għemil int għallimt lill-poplu tiegħek,
li l-ġust għandu jkun twajjeb.
Din hi t-tama sabiħa li inti tajt lil uliedek,
li inti tagħti żmien għall-indiema ta' dnubiethom.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 85 (86), 5-6.9-10.15-16a

R/. (5a): Mulej, inti twajjeb u taħfer

[5]Int, Sidi, twajjeb u taħfer,
kollok tjieba għal kull min isejjaħlek.
[6]Agħti widen, Mulej, għat-talba tiegħi,
isma' l-leħen ta' l-ilfiq tiegħi. R/.

[9]Il-ġnus kollha, li għamilt, jiġu jinxteħtu quddiemek,
u jsebbħu ismek, Sidi.
[10]Għax kbir int, u għemejjel ta' l-għaġeb tagħmel;
int waħdek Alla! R/.

[15]Int, Alla Sidi, ħanin u twajjeb,
iddum biex tagħdab, kollok tjieba u fedeltà.
[16]Ħares lejja u ħenn għalija,
agħti qawwa lill-qaddej tiegħek. R/.

## Qari II

***L-Ispirtu stess jidħol għalina.***

Rum 8, 26-27

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [26]l-Ispirtu, min-naħa tiegħu, jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna.
Għax aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess
jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem;
[27]u Alla, li l-ħarsa tiegħu tinfed il-qlub, jaf x'inhi x-xewqa ta' l-Ispirtu;
bit-talb tiegħu jidħol għall-qaddisin skond ma jrid Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Mt 11, 25

Hallelujah. R/. Hallelujah
Infaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art,
għax inti dawn il-ħwejjeġ tas-saltna wrejthom liċ-ċkejknin.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

*Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien.*

Mt 13, 24-43

### Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lin-nies din il-parabbola: [24]«Is-saltna
tas-Smewwiet tixbah lil wieħed raġel li żara' żerriegħa tajba fl-għalqa
tiegħu. [25]Iżda xħin in-nies kienu reqdin, ġie l-għadu tiegħu, żara'
s-sikrana qalb il-qamħ u telaq. [26]Meta mbagħad il-qamħ nibet u
ħareġ is-sbul, tfaċċat ukoll is-sikrana. [27]Resqu l-qaddejja fuq sid
l-għalqa u qalulu: "Sinjur, int mhux żerriegħa tajba żrajt fl-għalqa
tiegħek? Mela dis-sikrana mnejn ġiet?" [28]Iżda hu qalilhom:
"Dil-biċċa għamilhieli xi għadu tiegħi." "Tridx immorru niġbruha?"
qalulu l-qaddejja. [29]"Le, qalilhom, għax intom u tiġbru s-sikrana
għandkom mnejn taqilgħu magħha l-qamħ ukoll. [30]Erħulhom jikbru
t-tnejn flimkien sal-ħsad; meta mbagħad jasal il-ħsad, ngħid
lill-ħassada: Iġbru s-sikrana l-ewwel, u orbtuha qatta qatta
għall-ħruq, imbagħad qiegħdu l-qamħ fil-maħżen tiegħi."»

[31]Ġibilhom parabbola oħra u qalilhom: «Is-Saltna tas-Smewwiet
tixbah lil żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel ikun qabad u
żeragħha fl-għalqa tiegħu. [32]Hija tabilħaqq l-iżgħar waħda fost iż-
żrieragħ kollha, iżda meta tikber, tkun l-akbar waħda fost il-ħxejjex u
ssir siġra, hekk li l-għasafar ta' l-ajru jiġu jbejtu fil-friegħi tagħha.»

33 Qalilhom parabbola oħra: «Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil ftit
ħmira li waħda mara tkun qabdet u ħalltet ma' tliet sigħan dqiq sa
ma tkun għoliet l-għaġna kollha.»

34 Dan kollu Ġesù qalu bil-parabboli lin-nies, u mingħajr xi parabbola
ma kienx ikellimhom, 35 biex hekk iseħħ dak li kien ingħad permezz
tal-profeta, meta qal:
«Niftaħ fommi bil-parabboli,
nitkellem fuq ħwejjeġ moħbija
sa mit-twaqqif tad-dinja.»

36 Imbagħad ħalla n-nies u mar id-dar. Resqu lejh id-dixxipli tiegħu
u qalulu: «Fissirhielna l-parabbola tas-sikrana fl-għalqa.» 37 U
weġibhom: «Dak li jiżra' ż-żerriegħa t-tajba huwa Bin il-bniedem.
38 L-għalqa hija d-dinja; iż-żerriegħa t-tajba huma wlied is-Saltna;
is-sikrana huma wlied il-Ħażin, 39 u l-għadu li żeragħha huwa
x-Xitan. Il-ħsad ifisser tmiem id-dinja, u l-ħassada l-anġli. 40 Mela
bħalma s-sikrana jiġbruha u jaħarquha fin-nar, hekk isir fi tmiem
id-dinja. 41 Bin il-bniedem jibgħat l-anġli tiegħu, u huma jiġbru barra
mis-Saltna tiegħu kull ma jġib it-tfixkil u kull min jagħmel il-ħażen,
42 u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikum hemm il-biki
u t-tgħażżiż tas-snien. 43 Imbagħad il-ġusti jsiru jiddu bħax-xemx
fis-Saltna ta' Missierhom. Min għandu widnejn, ħa jisma!»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma l-qasira*

## Evanġelju

***Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien.***

Mt 13, 24-30

**Qari mill-Evanġelju skond San Mattew**

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lin-nies din il-parabbola: [24]«Is-saltna
tas-Smewwiet tixbah lil wieħed raġel li żara' żerriegħa tajba fl-għalqa
tiegħu. [25]Iżda xħin in-nies kienu reqdin, ġie l-għadu tiegħu, żara'
s-sikrana qalb il-qamħ u telaq. [26]Meta mbagħad il-qamħ nibet u
ħareġ is-sbul, tfaċċat ukoll is-sikrana. [27]Resqu l-qaddejja fuq sid
l-għalqa u qalulu: "Sinjur, int mhux żerriegħa tajba żrajt fl-għalqa
tiegħek? Mela dis-sikrana mnejn ġiet?" [28]Iżda hu qalilhom:
"Dil-biċċa għamilhieli xi għadu tiegħi." "Tridx immorru niġbruha?"
qalulu l-qaddejja. [29]"Le, qalilhom, għax intom u tiġbru s-sikrana
għandkom mnejn taqilgħu magħha l-qamħ ukoll. [30]Erħulhom jikbru
t-tnejn flimkien sal-ħsad; meta mbagħad jasal il-ħsad, ngħid
lill-ħassada: Iġbru s-sikrana l-ewwel, u orbtuha qatta qatta
għall-ħruq, imbagħad qiegħdu l-qamħ fil-maħżen tiegħi."»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu